MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 109/2002

**Guzepp Hili u martu Lucia Hili**

**vs**

**George Zammit u martu Jane Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm571.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq merkanzija gja mibjugha u konsenjata lill-konvenuti kif ukoll l-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Marzu, 2002, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali spedita fil-15 ta' Mejju, 2002;

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda ta’ Guzepp Hili, George Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra n-nota prezentata fis-16 t’Ottubru 2003, li biha l-konvenut jammetti t-talba attrici.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundnna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hames mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm571.75) bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Mejju, 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Marzu, 2002, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali spedita fil-15 ta’ Mejju, 2002, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------